

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2011/C 289/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ⁽¹⁾. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006

“VADEHAVSSTUDE”

Nru tal-KE: DK-PGI-0005-0770-25.03.2009

IĠP (X) DPO ()

1. Isem:

“Vadehavsstude”

2. Stat membru jew pajjiż terz:

Id-Danimarka

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:

3.1. Tip ta' prodott:

Klassi 1.1.: Laħam frisk (u ġewwieni)

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt (1):

Il-“Vadehavsstude” huwa laħam frisk minn annimali bovini ta' età żgħira mrobbija fiż-żona ġeografika definita. L-annimali huma ta' razza Daniża Sewda u Bajda, magħrufin ukoll bħala Danish Holstein, jew ta' razza mnisla mit-taħlit ta' bejn id-Danish Holstein u l-Belgian Blue. “Il-Vadehavsstude” huwa prodott esklussivament minn annimali kkastrati tas-sess maskili, li jridu jkunu mwielda fiż-żona ġeografika speċifika.

Laħam frisk: Karkassa sħiħa, nofs karkassa, kwart ta' karkassa jew biċċiet.

Piż mal-qatla: 200-380 kg

Età ta' meta jinqatel: Mill-inqas 18-il xahar – mhux iktar minn 30 xahar

Forma: minimu 3,50

Kulur: 3-4

Simna: 3-4

L-iskala tal-kulur u tas-simna tikkorrispondi għall-iskala ta' kwalità minima meħtieġa skont in-notifika tal-kumpanija “Danish Crown” għaċ-ċanga.

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3.3. Materja Prima:

—

3.4. Għalf (għal prodotti li ġejjin mill-annimali biss):

Fix-xitwa mill-inqas 50 % tal-għalf tal-annimali għandu jkun prodott fiż-żona identifikata.

Fix-xhur tax-xitwa, l-għalf ikun jikkonsisti f'ħaxix u qamħirrum maħżun.

L-annimali għandhom jirgħu f'imraġ tal-melħ (imraġ mgħarrqa minn żmien għall-ieħor bl-ilma baħar) taż-żona ġeografika speċifika għal mill-inqas erba' xhur u nofs fis-sena.

3.5. Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata:


L-annimali kollha għandhom jitrabbew fiż-żona ġeografika speċifika u għandhom ikunu mwielda fiż-żona speċifika.

3.6. Regoli speċifiċi dwar it-tqattigh, il-hakk, l-ippakkjar, eċc.:

—

3.7. Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:

L-annimali kollha maqtula jġu ttimbrati bil-logo tal-Vadehav Marsk og Mad. Il-logo għandu jġi mmarkat fuq l-ippakkjar tal-prodott finali u ttimbrat fuq l-annimal maqtul sabiex tiġi garantita t-traċċabbiltà.



4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:

Iż-żona ġeografika hija r-reġjun tal-Baħar Wadden fil-Lbiċ tad-Danimarka. Ir-reġjun tal-Baħar Wadden jinkludi t-tliet gżejjer Romø, Mandø u Fanø, kif ukoll it-terraferma fejn ir-reġjun Daniż tal-Baħar Wadden imiss mal-fruntiera Ġermaniża fuq in-naħa ta' Nofsinhar. Il-fruntiera tat-Tramuntana hija l-istess waħda tal-fruntiera tat-Tramuntana tal-Park Nazzjonali tal-Baħar Wadden. Fuq in-naħa tal-Lvant iż-żona hija definita mill-awtostrada A11.

5. Rabta maż-żona ġeografika:

5.1. Speċifità taż-żona ġeografika:

Il-Belt ta' Ribe twaqqfet bejn wiehied u ieħor fis-sena 710, u l-iskavi arkeoloġiċi żvelaw l-oġġetti li kienu jinbiegħu hemmekk. L-annimali bovini jirrappreżentaw wiehied mill-prodotti li nstabu fuq is-suq sa minn żmienijiet bikrija. L-annimali bovini kienu ġejjin mill-irħula fl-imraġ tal-melħ li jinsabu ħdejn il-Baħar Wadden, li jfisser li l-bdiewa tal-lokal kienu jrabbu l-annimali sa minn żmien il-Hadid. Matul il-Medjuevu, l-annimali bovini baqgħu jinbiegħu f'Ribe u għal sekli sħaħ dawn l-annimali mir-Reġjun tal-Baħar Wadden kienu l-iktar prodott importanti għall-esportazzjoni min-negozju f'Ribe.

Il-produzzjoni tal-“Vadehavsstude” (Ċanga tal-Baħar Wadden) issawret fuq it-tradizzjoni twila tat-trobbija tal-annimali bovini fl-imraġ tal-melħ. Il-ħajja tal-bdiewa f'dan ir-reġjun kienet pjuttost waħda iebša. Kull sena ż-żona kienet tintlaqat minn għarġar ta' maltemp li kien jgħarraġ l-art agrikola. Il-baħar kien iħalli ħama fertili, li minnu kien jinħoloq ġmiel ta' mraġ fl-artijiet mielħa fejn l-annimali kienu jirgħu fis-sajf, u minn fejn kien seta' jinġabar l-għalf tax-xitwa.

Fl-artiklu 'Jordbundsundersøgelser i marsken' (Studji Agrikoli dwar l-Imraġ tal-Melħ) mit-“Tidsskrift for planteavl” (Ġurnal dwar il-Produzzjoni tal-Uċuh tar-Raba') tal-1968, Lorens Hansen jistudja kampjuni tal-ħamrija meħda biss mill-merġat tal-melħ. L-artiklu jgħid li l-ħamrija tal-imraġ tal-melħ hija ovvjament mimlija potassju, li jikkorrispondi għall-kontenut għoli ta' tafal u t-tip ta' formazzjoni. Il-kontenut tas-sodju rari jiġi ddeterminat f'art normali għall-kultivazzjoni minħabba li jkun baxx ħafna u ma jkollu l-ebda impatt fuq il-ħamrija. Fl-imraġ tal-melħ, minħabba li l-melħ kien depożitat fihom meta dawn inħolqu oriġinarjament, jinstab kontenut għoli ta' sodju.

Il-ħxejjex pjuttost raffi, li huma addattati sew għall-imraġ tal-melħ, fihom ħafna sustanzi u fl-istess ħin kapaċi jissaportu kull tip ta' klima. Fil-fatt, huwa propju l-impatt aħrax u mielaħ tal-Baħar Wadden li jagħmel uniku ir-ragħa f'din iż-żona. Meta l-art tkun mgħarrqa bl-ilma baħar, il-melħ u l-minerali jiġu ddepożitati fil-ħamrija. Il-pjanti u l-ħxejjex li ġejjin jinstabu partikolarment fuq l-artijiet ta' mal-kosta:

- Jikber ħafna ħaxix fin, ix-xnien abjad li jikber waħdu (*Trifolium nigrescens*), *Lotus corniculatus*, pjanti bil-fjuri sofor tal-ġenus *Rhinanthus*, ranunkli (*Ranunculus*), u armerija (*Armeria maritima/mauritanica*) fil-partijiet 'il ġewwa, lejn id-diġa.
- Fiż-żona li tinsab iktar fil-baxx jikbru l-ispika tal-baħar (*Limonium vulgare*) u pjanta oħra li tikber f'artijiet mistagħdra tal-ġenus *Triglochin* (*Triglochin maritima*) flimkien ma' xi ħaxix raff.
- Il-ħaxix tat-tip *Puccinellia maritima* u s-salikornja jikbru fl-iktar żoni imbiegħda tal-partijiet il-baxxi tal-art ta' mal-kosta.

5.2. Speċifiċità tal-prodott:

Test li twettaq ma' persuni mgħammdin li kellhom iduqu l-laħam tal-annimali bovini mrobbija fl-imraġ tal-melħ urew li l-laħam kien:

- iktar tari
- iktar immerraq
- iktar mielaħ
- ta' konsistenza aħjar
- iktar aromatiku

minn laħam ta' bovini konvenzjonali.

Il-laħam konvenzjonali ġie kkwalifikat b'punti ogħla minn dak tal-laħam tal-Baħar Wadden biss fix-xaħam u fil-kulur.

5.3. Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP):

L-ambjent tal-madwar huwa aħrax u impenjattiv ħafna għall-bdiewa li jrabbu l-annimali bovini fir-reġjun tal-Baħar Wadden. Deskrizzjoni antika ta' dawn il-kundizzjonijiet tgħid hekk Hemm ħaġa waħda partikolari għal din iż-żona: l-imraġ kbar fejn kien jikber ammont kbir ta' ħaxix għall-annimali mġewħa, u fejn il-ħuxlief kien jinħasad għax-xitwa. Il-ħaxix tal-imraġ tal-melħ kien partikolarment sustanzjuż għaliex kien jitgħarraġ fl-ilma baħar għal bosta drabi fis-sena u għalhekk kien jieħu minnu iktar melħ u minerali naturali. Ħafna għoġġiela twieldu firziezet 'il ġewwa mill-kosta u kienu jintbagħtu fl-imraġ tal-melħ biex jissemmu għall-bejgħ fis-swieq ta' Hosum jew Hamburg. Spiis l-għoġġiela l-kbar kienu jkunu dgħajfin jew saħansitra morda meta kienu jittieħdu fl-imraġ, imma l-ħaxix sabiħ tal-merġa matul is-sajf kien itihom is-saħħa u jibdilhom f'bovini mitmugħin tajjeb.

Għal ħafna snin, iċ-ċanga prodotta fir-reġjun tal-Baħar Wadden kienet magħrufa bħala prodott tajjeb u ta' kwalità għolja, il-laħam ikollu togħma partikolari mielħa minħabba l-kundizzjonijiet speċjali tat-trobbija tal-annimal fiż-żona. Meta l-baħar jimla u jgħarraġ iż-żona, il-melħ u l-minerali jiġu depożitati fil-ħamrija. L-annimali jirgħu fl-imraġ tal-melħ fejn il-kontenut għoli tal-potassju u tas-sodju fil-ħaxix jaffettwa t-togħma tal-laħam, u jagħti lil “Vadehavsstude” il-kwalità speċjali u t-togħma mielħa partikolari tiegħu.

Il-“Vadehavsstude” jinbiegħ bħala prodott speċjali mill-Park Nazzjonali tal-Baħar Wadden, u l-isem jintuża kemm mill-produtturi lokali kif ukoll mid-distributuri tal-laħam.

Il-produzzjoni tal-“Vadehavsstude” hija ppreżentata fil-fuljett tat-turisti tar-reġjun tal-Baħar Wadden u tal-Park Nazzjonali tal-Baħar Wadden bħala karatteristika importanti taż-żona.

Referenza għal pubblikazzjoni għall-ispeċifikazzjoni:

http://www.foedevarestyrelsen.dk/SiteCollectionDocuments/25_PDF_word_filer%20til%20download/06kontor/Maerkning/Oprindelsesmaerkning_af_foedevare/Varespecifikation%20for%20Vadehavsstude.pdf
